MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1246/1997/1

**Joseph u Rose konjugi Micallef**

**Vs**

**Is-Sur Jovin Rausi li b'digriet tat-23 ta' Gunju 1997 kien appuntat kuratur biex jirraprezenta l-interessi ta' Lloyds Underwriters u Middle Sea Insurance**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Gunju 1997 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien assikura lill-hanut tieghu f' "Rose Bazaar" St. Elia Street, Xghajra, Zabbar mal-konvenut *nomine*;

Premess illi fit-22 ta’ Awissu 1994 huwa sofra danni minhabba serqa u hruq fil-hanut tieghu liema danni huma koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni ta’ l-atturi;

Premess illi l-konvenut *nomine* kien interpellat mill-attur biex jaffettwaw l-hlas izda inutilment;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur ghandu jkun indennizzat mill-konvenut *nomine* ghad-danni li huwa sofra mill-hruq u serqa li saru fil-fond tieghu “Rose Bazaar” St Elia Street, Xghajra, Zabbar li sehh fit-22 ta’ Awissu 1994;

2. Tillikwida s-somma ta’ kumpens dovuta lill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu s-somma likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* pprezentata fit-13 ta’ Awissu 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

It-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez ghal dawn ir-ragunijiet:-

1. Illi l-mertu ta’ din il-kawza gja jifforma l-mertu tal-kawza numru 134/95/AJM li giet deciza minn din il-Qorti fid-19 ta’ Mejju 1997, pero` l-atturi istitwew proceduri ta’ appell mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta u ghalhekk sakemm tigi deciza definittivament dik il-kawza, din ma ghandhiex tipprocedi oltre stante li l-mertu huwa identiku u possibilment anke il-partijiet jistghu jkunu identici;

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu illi l-allegat kuntratt ta’ assikurazzjoni bejn il-partijiet ma jezistix stante li l-attur naqas li jaghti dik l-informazzjoni necessarja u shiha meta mela l-*proposal form* u inoltre li jzomm *proper records* skond ma jitolbu l-istess poloz ta’ assikurazzjoni;

3. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi ai termini tal-kondizzjonijiet tal-Poloz ta’ Assikurazzjoni, kopji taghhom annessi man-nota ta’ l-eccezzjonijiet li gew immarkati bhala Dok JV1 u JV2, u senjatament Klawsola 12 u 18 rispettivament, din il-Qorti giet esawtorata milli tiehu konjizzjoni tal-kawza stante li l-partijiet kienu ftehmu li sejrin jirregolarizzaw id-differenzi ta’ bejniethom tramite arbitragg;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Mejju 2000 li permezz tieghu giet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-kawza citazzjoni numru 134/95 fl-ismijiet “Joseph Micallef -vs- Jovin Rausi *nomine et*”;

Rat il-verbal ta’ l-14 ta’ Frar 2001 meta l-avukat difensur tal-konvenut iddikjara li, in vista tal-fatt li l-appell ta’ l-attur odjern fil-kawza fuq imsemmija kien gie dikjarat dezert fis-16 ta’ Frar 1999, huwa kien qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Mejju 2002 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezami li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentanti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process odjern kif ukoll dawk tal-kawza l-ohra fuq imsemmija;

Ikkonsidrat:

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-attur kien assikurat mas-socjeta` konvenuta u ppretenda hlas skond il-polza ta' l-assikurazzjoni minhabba hsarat minnu allegatament sofferti b' rizultat ta' serq u incendju kommess fil-hanut tieghu fix-Xghajra, Haz-Zabbar. Il-konvenuti rrezistew din il-pretiza ta' l-attur bazikament ghall-motiv illi skond huma l-polza kienet tiddifetta billi l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni kompleta fil-*proposal form* u, inoltre, naqas ukoll milli jzomm *proper records* fit-termini ta' l-istess polza;

Mill-istess atti jirrizulta wkoll illi ghad-danni subiti l-attur ghall-bidu ressaq *claim* ta' tnax-il elf disa' mija u sitta u erbghin lira, hamsa u sebghin centezmu (Lm12946.75) ridotta ghal sitt elef lira (Lm6000) in via ta' possibbli transazzjoni. Ghall-istess raguni s-socjeta` konvenuta pproponiet hlas ta' elf lira (Lm1000). Meta din l-offerta ma gietx accettata u baqa' ma ntlahaq ebda qbil l-attur irrikorra lil din il-Qorti bl-appozita azzjoni. Apparti dak gja rilevat *supra*, is-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha billi ssollevat in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti in raguni tal-klawsola arbitrali nserita fil-polza;

B' konsegwenza ta' dak appena accennat, huwa logikament u guridikament mistenni li ghandha qabel

kollox tigi epurata u deciza l-eccezzjoni moghtija tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni. Fir-rigward ghandu jinghad mill-ewwel illi l-attenzjoni rikjamata mis-socjeta` konvenuta ghal klawsola 12 tal-polza hi ghal kollox futili billi mill-istess termini taghha din il-klawsola ma ghandha bl-ebda mod x’ taqsam mal-konsiderazzjoni vertenti fuq din l-eccezzjoni. Invece, jidher li l-klawsola li maggorment ticcentra hi dik tmintax (18) fejn proprju nsibu referenza ghall-klawsola arbitrali;

Din l-ahhar imsemmija klawsola tippostula sitwazzjoni preciza li fiha l-partijiet kontraenti fil-kuntratt ta’ l-assikurazzjoni ghandhom, f’ kaz ta’ disputa, jipprevalixxu ruhhom mill-arbitragg. Ghall-precizazzjoni l-klawsola 18 tipprovdi li “*if any difference arises as to the amount of any loss or damage such difference shall <u>independently of all other questions</u> be referred to the decision of an arbitrator to be apponted in writing by the parties in difference, or, if they cannot agree upon a single arbitrator, to the decision of two disinterested persons as arbitrators ...*”;

Qabel kull osservazzjoni fuq il-kontenut u l-portata ta’ din il-klawsola, ghandu jinghad, b’ riflessjoni ta’ certa gurisprudenza, illi l-Qrati taghna ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali li tigi stipulata bejn il-kontraenti u li tnehhi l-gurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju gudizzjarju wara l-arbitragg, jekk ikun il-kaz. Ara **Kollez. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674** u **Vol. XXXIII P III p 509**. Dan ghaliex, trattasi ta’ klawsola kompromissorja, il-klawsola tidderoga ghall-gurisdizzjoni ordinarja u tati lok ghall-eccezzjoni ta’ inkompetenza. B’ mod allura illi jekk wahda mill-partijiet tipprocedi quddiem il-qorti ordinarja l-konvenut ikollu indubbjament id-dritt jopponi l-inkompetenza u jippretendi l-gudizzju ta’ l-arbitru jew arbitri;

Tali tidher li kienet il-gurisprudenza prevalenti, anterjorment ghall-emendi ntrodotti fil-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995. Hu issa provvdut fl-Artikolu 742 (3) ta' dan il-Kodici illi "il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f' liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.";

Kif ahjar imfisser u spjegat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Mejju 1998 in re: "**George Camilleri -vs- Hugh P. Zammit *nomine***", "il-ligi (fl-Artikolu 742 (3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partjiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi ... Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742 (3) ma kinetx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.";

Gja kien, f' decizjoni qabel din, enuncjat mill-istess Qorti ta' l-Appell, dejjem in referenza ghall-Artikolu 742 (3) illi "naturalment dan ma jfisserx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero` li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u *"overiding"* li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli

arbitrali." - "**George Xuereb -vs- Accountant General *et***", 28 ta' Frar 1997;

In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata il-klawsola arbitrali *de qua* hi ndubbjament operattiva. Dan, pero`, biex wiehed jissellef il-kliem ta' l-ahhar sentenza citata, "fejn tapplika". Fil-kaz *de quo* u ghall-iskop intiz mis-socjeta` konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha dik il-klawsola, in kwantu tikkoncerna l-element tar-responsabilita` taht il-polza, certament ma tghoddx u ma tapplikax. Dan ghaliex hu bil-wisq car u ovvju mill-istess termini taghha illi dik il-klawsola kienet mahsuba limitatament f' kaz li tinsorgi diskordanza bejn il-partijiet rigward l-ammont tad-dannu li l-assikurat ghandu hsieb jirkupra. L-azzjoni kif impostata ghalhekk tirrientra fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Dan anke bis-sahha ta' dak li jinghad fi klawsola ohra ("Contracts Clause", ara fol. 60) li tistipula illi "*This contract of Insurance shall for all effects and purposes be deemed to be a Maltese contract and shall be governed by and according to Maltese law and subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese Courts.*" Dan naturalment fir-rispett tal-kondizzjonijiet l-ohra tal-kuntratt, kompriz allura klawsola 18 u dak rilevat fid-decizjonijiet hawn fuq riportati. Gjaladarba s-socjeta` konvenuta rreferiet ukoll fix-xhieda tar-rapprezentant taghha ghad-divergenzi dwar il-kwantum hu biss f' dak l-istadju, u una volta jigi determinat li l-eccezzjoni l-ohra hi bla fondament, illi allura l-Qorti jehtigilha tikkonsidra jekk huwiex il-kaz li, ghall-finijiet tal-kwantum, u ta' dan biss, tiddeklina milli tittratta u tiddelibera dwaru;

Ferma din l-osservazzjoni fir-rigward ta' l-aspett tal-gurisdizzjoni, hu evidentement distingwibbli l-kaz, minn kif formulata t-tieni eccezzjoni, illi din ma ghandha l-ebda konnessjoni ma' l-avveniment *ut sic* li sehh, kontemplat u kopert bil-polza, jew ta' l-investigazzjoni dwaru. Pjuttost, din l-eccezzjoni hi intimament marbuta mal-konsiderazzjoni illi, fil-hsieb tas-socjeta` konvenuta, il-*proposal form* ma mtlietx kif suppost u dippju l-attur kiser il-patt tal-polza li jrid li l-assigurat izomm *"proper records"*;

B’ introduzzjoni ghall-ezami ta’ l-ewwel kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta riferibilment ghall-fatt tal-kompilazzjoni tal-*proposal form* qed jigi b’ mod generali osservat illi, kif dottrinalment ricevut, il-*porposal form “indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract*” u allura, imbaghad, “*it is up to the insurer to decide whether to provide cover and if so, at what premium*.” Ara **Ivamy**, “General Principles of Insurance”, 4th Edition, 1979, pagna 107; **Margo** “Aviation Insurance”, 1st Edition, 1980, pagna 44 u s-sentenzi ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet “**Alexandra Sciberras *proprio et nomine* -vs- Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd**”, 18 ta’ Frar 2004 u “**Mario Mizzi *nomine et* -vs- Mario Grech *et nomine***”, 3 ta’ Ottubru 2003;

Indubbjament, il-predisposizzjoni tal-kwestjonarju (il-*proposal form*) tillustra b’ mod inekwivokabbli l-intenzjoni ta’ l-assikurat li jakkorda importanza partikolari lil certi kweziti determinanti, b’ tali mod li jirrikjamaw fuqhom l-attenzjoni ta’ l-assikurat biex dan, b’ kura u diligenza, iforni twegibiet kompleti u veritjiera ghalihom. Din hi materja li trid tigi valutata mill-gudikant fl-indagini tieghu anke biex jistabbilixxi l-incidenza tat-taghrif moghti (jew mizmum) fuq l-ghoti tal-kunsens mill-assikuratur fil-formazzjoni tal-kuntratt. Fi kliem iehor jispetta lill-gudikant li jizen jekk id-dikjarazzjonijiet jew taghrif provvdut kienux tali li l-assikuratur ma kienx jikkonkludi l-kuntratt, jew kien hekk jikkonkludih, izda taht konsiderazzjonijiet diversi, kieku kien jaf bl-inezattezza jew inveridicita` tat-taghrif. Jekk jinstab li dan hu hekk il-kaz ir-rimedju ghall-assikuratur hu dak ta’ l-annullament tal-kuntratt u f’ kaz li l-event assigurat ikun gja sehh, dak li jirrezisti t-talba ghall-hlas ta’ l-indennizz mitlub;

Dan premess, fid-dikjarazzjoni ta’ Jovin Rausi (ara Affidavit tieghu a fol. 98) l-ispjega minnu moghtija l-ghala l-polza ma ghandhiex tirrispondi hi dik li meta mtliet il-*proposal form* (fol. 130) l-attur kien wiegeb fl-affermattiv illi

hu kien izomm *"complete record of stock received and sold"*. Jikkontendi ghalhekk illi gjaladarba mill-investigazzjoni ta' l-incident "ma kienx hemm tracca ta' kaxxa bir-*records* tal-bejgh u xiri" (fol. 99), u l-attur ma pproduca ebda *records* bhal dawn, *ergo*, u *quod erat domonstrandum*, il-kuntratt intervenut ma kienx vinkolanti fuq l-assikurazzjoni, u dan allura seta' jigi "*avoided*";

In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-*proposal form* huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assikuratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi nfluwenti meta jokkorri l-event dannuz assikurat, li kapaci jkabbru jew jirreducu l-*alea*, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assikurat jew il-kondizzjonijiet kontrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili. Tajjeb pero` li tigi registrata l-osservazzjoni ghaqlija illi "*a fair and reasonable construction of the questions and answers in a proposal form must be adopted*" (**"Austin -vs- Zurich General Accident and Liability Insurance Co. Ltd"**, King's Bench Division (1944) 77 Lloyds Law Reports 409);

Mill-fatti akkwiziti fil-process huwa lecitu li jinghad illi l-kostatazzjoni li saret mis-socjeta` konvenuta *ex post facto* l-event ghandha necessarjament tfisser u tigi nterpretata illi fic-cirkostanzi, u fil-mument li nghatat mill-attur, ir-risposta affermattiva ghall-precitat kwezit fil-*proposal form* kienet necessarjament, ghal dan biss, inezatta jew inveridici. Mill-atti ma tezisti ebda prova li ssostni jew tirrafforza t-tezi tas-socjeta` konvenuta f' dan il-kuntest jew fil-kuntest ta' l-allegat ksur tal-kuntratt. Inversament, tezisti prova sikura illi f' dan il-kaz kien hemm incendju li kkaguna hsara estensiva, kompriz id-distruzzjoni tar-*records* kollha ta' xiri u bejgh. L-Affidavits ta' l- atturi a fol. 50 u 54 fil-process (Citazz. Nru. 134/95) fl-ismijiet "Joseph Micallef -vs- Jovin Rausi *nomine et*" joffru spjegazzjonijiet plawsibbli ta' dak li gara. Din il-Qorti ma tistax allura

toqghod fuq semplici kongetturi izda biss fuq il-provi attendibbli. U dawn fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma jwassluha, b’ mod konvincenti, biex issostni t-tezi tas-socjeta` konvenuta illi l-atturi ma kinux zammew *records* kif suppost jew li giet moghtija mill-assikurat informazzjoni inezatta jew inkompleta fil-waqt tal-mili u l-iffirmar tal-*proposal form*. F’ dawn ic-cirkostanzi din il- Qorti ma ssib l-ebda serjeta jew raguni perswasiva biex tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Stabbilit il-premess, din il-Qorti, kif gja minnha ravvizat aktar ‘il fuq, tirribadixxi illi ma tqajmet l-ebda eccezzjoni kollegata mal-meritu ta’ l-event (is-serq bi sgass u incendju) li ta lok ghad-danni. Lanqas ma nghatat xi eccezzjoni illi l-polza ma kellhiex tirrispondi ghal dawn id-danni ghax l-attur ma hax kura li jsegwi l-istruzzjonijiet lilu moghtija ghall-ahjar harsien tal-hwejjeg assikurati. Mhux il-kaz ghalhekk li issa din il-Qorti tindaga fuq dak sottomess mix-xhieda (izda mhux ukoll minn eccezzjoni sollevata b’ difiza) riferibbilment ghas-suspetti ventilati minnhom fir-rigward, jew li tinoltra ruhha dwar il-fondatezza, o meno, taghhom;

*En passant*, pero`, jista’ jinghad, bla ezitazzjoni, illi anke kieku din il-Qorti kienet mitluba tiddelibera dwarhom xorta wahda ma kinetx issib, fuq ir-rizultanzi istruttorji tal-kaz, elementi bizzejjed assodanti illi la darba ma kienx hemm katnazz *ergo* s-sigurta tal-hanut giet kompromessa u li allura b’ rizultat ta’ dan kien hemm raguni biex l-assikurazzjoni topponi l-*claim*. Fir-realta` tal-provi d-dhul fil-hanut u allura wkoll, l-event dannuz, ma sehhx minhabba dan il-fatt izda b’ “*forcible entry*” permezz ta’ tnehhija ta’ xi cnagen. Barra minn dan irid jinghad ukoll illi din il-Qorti mhix daqstant pruzuntuza biex minghajr is-sostenn ta’ *proces verbal* jew ta’ opinjoni verament teknika in materja tiddetermina hi, u b’ hekk tissorreggi l-veduta tar-rapprezentant tas- socjeta` konvenuta, illi dawk l-istess cnagen tnehhew wara li ntefa n-nar. Is-suspetti jew il-mera supposizzjoni ta’ dak li seta’ kien il-kaz, izda li fil-fatt ma rrizultax li kien, ma jservix bhala xi prova

inkonfutabbli ta' "*mis-en scene*" u allura ta' att fabbrikat u ghemil malintenzjonat bi skop ta' lukru ghad-dannu ta' l-assikurazzjoni;

Dan precizat, jigi notat pero` li tqajmet kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni u din ragonevolment tirrientra zgur fil-parametri tat-tielet eccezzjoni riferibbilment ghas-sollevar tal-klawsola arbitrali. Klawsola din li fuq il-gurisprudenza affermata hi valida, ghax voluta miz-zewg kontraenti, u ghalhekk ghandha tibqa' rispettata. Hu l-kaz ghalhekk illi in kontemplazzjoni ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsola 18 tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni tali materja tigi minnhom diferita lill-arbitru, jew arbitri, skond il-kaz, ghall-konsiderazzjoni u gudizzju opportun.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni ruhha li tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni li giet irtirata (ara verbal ta' l-14 ta' Frar 2001 a fol. 91), tichad it-tieni eccezzjoni u bl-akkoljiment ta' l-ewwel talba tiddikjara li l-atturi ghandhom ikunu indennizzati skond il-polza ta' l-assikurazzjoni ghall-event dannuz li sehh fit-22 ta' Awissu 1994;

Tilqa' pero` t-tielet eccezzjoni fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi biex taghti lill-partijiet l-opportunita` shiha li jressqu l-kontestazzjoni taghhom dwar il-kwantum tad-danni lill-arbitru jew arbitri mahtura minnhom, jew skond kif xort' ohra mahsub fit-termini tal-klawsola tmintax (18) tal-polza;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom fic-cirkostanzi jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------